

KONFERENZA
TAR-RAPPREŻENTANTI
TAL-GVERNJIET
TAL-ISTATI MEMBRI

Brussell, 6 ta' Ġunju 2025
(OR. fr)

29521/25

LIMITE

JUR 335
INST 137
COUR 47
COUR

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI
MEMBRI li taħtar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja

DEĊIŻJONI (UE) 2025/...
TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI

ta' ...

li taħtar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u wara l-mewt tas-Sur Marko ILEŠIČ, jenħtieġ li jinħatar Imhalef fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-bqija tal-mandat tas-Sur Marko ILEŠIČ, jiġifieri sas-6 ta' Ottubru 2027.
- (2) Is-Sur Marko BOŠNJAK ġie propost għall-kariga li saret vakanti.
- (3) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni favorevoli dwar l-idoneità ta' dan il-kandidat sabiex jaqdi d-dmirijiet ta' Mhalef tal-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Marko BOŠNJAK huwa b'dan maħtur Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sas-6 ta' Ottubru 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Il-President
